MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2073/2002

**Raymond Debono ezercenti b'kummerc bl-isem Ray's Auto Rentals**

**Vs**

**Emanuel Cutajar et**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Awissu 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jhallsu l-ammont ta' Lm156.81 (mija u sitta u hamsin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu) bhala danni dovuti mill-konvenuti ghall-hsara kagunata fil-vettura tal-atturi DAK-146 mikrija lil konvenut Emanuel Cutajar, liema danni jinkludu labour, spray u loss of use.**

**Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta fejn intqal illi l-konvenuta giet referuta u kriet vettura, DAK146 liema vettura kienet koperta b'polza 'fully comprehensive'.**

**Illi d-danni li saru fuq il-vettura DAK 146, saru minn minorenni Christopher Grima u dan kif jirrizulta car mir-rapport tal-Pulizija.**

**Illi l-konvenuta marret biex thallas l-excess ghand GasamMamo Insurance u tkellmet ma certu 'Hugh' u l-ewwel qalilha biex thallas l-excess u mbaghad dan jigi refunded ghax jidher bic-car li l-hsara mhux tort tal-konvenuta.**

**Illi meta marret thallas Lm150 (mija u hamsin lira maltin) excess, dan l-istess persuna ma accettax il-flus ghax l-ammont tal-ispejjes kien kwazi ezatt daqs l-excess.**

**Ghaldaqstant, il-konvenuta kien ser tbati ntortament dawn il-flus minkejja li ma huwiex tort taghha u dan sempliciment ghaliex skond l-istess Claims Department ta' GasanMamo, 'missier it-tifel mhux mill-helwin'.**

**Dawn huma ragunijiet ghaliex din it-talba ghandha tigi respinta u flok jigu mharrka l-genituri ta' Christopher Grima.**

**Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidra:**

**Illi l-kawza odjerna si tratta ghall-pagament ta' danni kagunati fil-vettura propjeta' tal-attur waqt li kienet mikrija lil konvenut bil-kunsens tal-attur stess li tinstaq mill-konvenuta.**

**Jirrizulta mill-iskizz li t-tort ghal l-incident ma kienx jispetta lil konvenuta. Inoltre kellha dritt thallas l-ammont reklamat bhala 'excess' u mhux bhala danni**

**stante li kellha kopertura ghall-istess sinistru tramite l-assikurazzjoni.**

**Ir-raguni hija semplici – f'kaz ta' ezitu favorevoli ikollhom dritt ta' rimbors. Hija dovuta s-somma ta' mija u hamsin lira (Lm150) pero' bhala hlas ta' excess u mhux danni.**

**Dana biex ma jigux pregudikati d-drittijiet tal-istess konvenuti.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u dana a bazi ta' ekwita' biex ma jkunx hemm moltiplikazzjoni ta' atti gudizzjarji salv id-drittijiet si et quatenus tal-konvenuti ghar-rimbors minghand l-istess attur u/jew is-socjeta' assikuratrici tieghu.**

**In vista tac-cirkostanzi tal-kaz billi huwa partikolari, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------